MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Numru. 985/2004

Il-Pulizija
(Spettur Trevor Sammut)
vs

Raymond Gauci
Brian Gauci

Il-Qorti;

Rat li l-imputati, Raymond Gauci ta' 48 sena, bin Victor Gauci u Maria Joseph nee Bonavia, imwieled in-Naxxar nhar 27 ta' Awissu, 1956 li joqghod Flat 1, Triq San Glormu, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 705256(M) u Brian Gauci ta' 20 sena, bin Raymond Gauci u Carmen nee' Abela, imwieled il-Pieta nhar it-30 ta' Ottubru 1983, li joqghod f'Sunflower, Triq l-Imraden, Naxxar, u detentur tal-karta ta' l-identita numru 586883(M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli nhar

is-16 ta’ Ottubru 2004, ghall-habta ta’ nofsinhar bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna, u cioe’ lil Fabian Vella u Martin Vella kontra l-volonta tieghu jew taghha l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekkwestrata, u dan bi ksur tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U iktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi u aktar talli bla hsieb li jisraq, jew li jaghmel kontra l-ligi, izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita’ tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta’ hwejgu jew indahal fi hwejjeg haddiehor u cioe’ zamm il-vann FAL 692 tat-tip Toyota abjad proprjeta’ ta’ Joseph Rosso (ID 438235M) u dan bi ksur ghal artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 15 ta’ Novembru, 2004, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 10 tal-process.

Semghat lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sarilhom nhar il-21 ta’ Gunju, 2005 (*folios* 11 u 12 tal-process) *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti fil-qosor ta’ dan il-kaz jirigwarda ncident li nqala’ fis-16 ta Ottubru, 2004 meta certu Joe Rosso u l-lavrant tieghu Fabian Vella hadu dghajsa fil-Y&P Shipyard, in-Naxxar. Joe Rosso li xehed fis-seduta tas-7 ta’ Dicembru, 2005 spjega li meta hu u Fabian Vella waslu fil-*boatyard* imsemmija ma kienx hemm post fejn jipparkjaw id-dghajsa li huma kienu gew inkarigati jikkonsenjaw fl-imsemmija *boatyard* u ghalhekk kien hemm guvnott, li wara rrizulta li

kien l-imputat Brian Gauci, u huma qalulu sabiex icaqlaq vann li kien hemm parkeggjat halli huma jkunu jistghu idahhlu d-dghajsa. L-imputat Brian Gauci caqlaq il-vann wara li kien cempel lil xi hadd minn fuq il-*mobile phone* tieghu u huma ipparkeggjaw id-dghajsa u telqu minn fuq il-post. Joe Rosso jkompli jispjega li fil-frattemp kien dahal haddiehor fil-*yard* ifittex post izda huma kienu telqu l' hemm. Dan ix-xhud ikompli jispejga li meta waslu l-*workshop* taghhom l-Imriehel cempel certu Matthew Bajada, li jigi hu l-*mechanic* li kien jaf bil-konsenja tad-dghajsa, u dan qalilhom sabiex imorru jiehdu lura d-dghajsa ghaliex ma kienx jaf biha. Joe Rosso jispjega li hu baghat lil Fabian Vella u lil Martin Vella, li jigi r-ragel tat-tifla tieghu, sabiex jigbru d-dghajsa. Wara ftit tal-hin cempel Martin Vella, u qal lil Joe Rosso li kien hemm l-inkwiet ghaliex meta huma marru fil-*boatyard* kienu talbuhom xi *mobile phone* u mbaghad kienu ghalqulhom il-*gate* u ma kienux qed ihalluhom johorgu peress li kienu qed jallegaw li kienu hadulhom il-*mobile phone*. Joe Rosso jghid li f'dan l-istadju huwa kellem lill-imputat Raymond Gauci li identifika ruhu bhala l-proprjeta'rju tal-*boatyard* u huwa talbu sabiex ihallihom jitilqu izda dan irrisponda li ma kienx ser ihallihom johorgu. Joe Rosso ghalhekk infurmah li kien ser icempel lil Pulizija. Meta Joe Rosso mar fuq il-post sab lil Pulizija hemm u lil Fabian Vella u Martin Vella fil-vann u s-Surgent qed jinvestiga l-kaz. Saret tfittxija fil-vann proprjeta' ta' Rosso izda il-*mobile phone* ma nstabx u Joe Rosso u Fabian Vella ttiehdu l-ghassa tan-Naxxar taht arrest izda mbaghad gew rilaxxjati.

Martin Vella li wkoll xehed fis-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005 spjega li meta huwa mar fil-*boatyard* flimkien ma' Fabian Vella sabiex jiehdu lura d-dghajsa gew konfrontati minn diversi rgiel u l-imputat Raymond Gauci beda jakkuza lil Fabian Vella u lil Joe Rosso li huma kienu hadu l-*mobile phone* proprjeta' ta' Brian Gauci. Martin Vella jghid li prova jirranga ma l-imputat Raymond Gauci izda dan tal-ahhar insista li qabel ma kienu ser jaghtuhom il-*mobile phone* huwa ma kienx ser ihallihom jitilqu minn fuq il-post. Meta Martin Vella staqsa lil Gauci jekk kienx qed jheddu dan irrisponda fl-affermattiv u rribadixxa li ma

kienx ser ihallihom jitilqu minn fuq il-post qabel ma jirritornaw lura l-*mobile phone*. Martin Vella jispjega li l-imputat Raymond Gauci ta struzzjonijiet sabiex tinghalaq il-*gate* tal-*yard* u Martin Vella jghid li hu u Fabian Vella ghamlu madwar hamsin minuta fil-vann bin-numru tar-registrazzjoni FAL 692 imsakkrin fil-yard u mgeghlin jibqghu hemm kontra l-volonta' taghhom. Martin Vella jispjega wkoll li huwa cempel lill-Pulizija u qal ukoll li ftit qabel ma dawn gew fuq il-post Raymond Gauci fetah il-gate izda huwa (Martin Vella) ghazel li jibqa' fil-vann f'dak l-istadju sabiex ma jidhirx li kien qed jaghmel xi rapport falz. Fabian Vella li xehed fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2005 ikkorobora il-verzjonijiet moghtija minn Joe Rosso u Martin Vella u qal ukoll li huwa ma kienx ha l-*mobile phone* li dwaru originat il-kwistjoni kollha.

L-imputat Raymond Gauci xehed fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2007 u spjega li huwa qal lil Martin Vella u lil Fabian Vella sabiex jibqghu fuq il-post sakemm jigu l-Pulizija u cahad li l-grada tal-*boatyard* kienet maghluqa izda qal lli din kienet biss imbexxqa kif tkun bhas-soltu wara nofsinhar.

Permezz tal-ewwel akkuza l-imputati qed jigu akkuzati bir-reat ta' sekwestru jew arrest illegali tal-persuna kif kontemplat taht l-Artikolu 86 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta. L-imsemmi Artikolu 86 jghid li jkun hati ta' sekwestru tal-persuna *"kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…"*

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta kien qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni qal :-

*"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia*

*quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*

Fil-kaz in dizamina huwa pacifiku li l-imputati ma kellhom ebda ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti sabiex jarrestaw lil Martin Vella u lil Fabian Vella. Irid allura jigi determinat jekk l-agir taghhom kienx jammonta ghal arrest illegali skond kif jikkontempla l-Artikolu 86.

F'dan il-kaz huwa minnu li ma kien hemm ebda forza fizika adoperata sabiex iggieghel lil Martin u lil Fabian Vella jibqghu fil-*boatyard* izda kemm mix-xhieda ta' Maritn Vella kif ukoll mix-xhieda ta' Fabian Vella jirrizulta li l-imputat Raymond Gauci qalilhom specifikatament li huwa ma kienx ser ihallihom jitilqu minn fuq il-post qabel ma jikkonsenjaw lura il-*mobile phone* ta' ibnu li huwa kien qed jallega li ttiehed minn Joe Rosso u/jew minn Fabian Vella. Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni rrizulta wkoll li Raymond Gauci ta struzzjonijiet sabiex tinghalaq il-grada tal-*boatyard* u li kien hemm in-nies ghassa ma' din il-grada. Inoltre, Fabian Vella xehed li huwa kien imbezza' anki minhabba l-fatt li huma kienu tnejn min-nies filwaqt li l-ohrajn (u cioe' in-nies tal-*boatyard* kienu tmienja. Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti jidrilha li jirrizulta pruvat ir-reat kontemplat fl-Artikolu 86 tal-Kap. 9 fil-konfronti tal-imputat Raymond Gauci u dan ghaliex gie pruvat li huwa zamm lil Fabian Vella u lil Martin Vella kontra l-volonta' taghhom milli jitilqu mill-*boatyard* u dan billi ghalaq il-*gate* tal-istess *boatyard* u billi heddidhom li ma kienx ser ihallihom jitilqu qabel ma huma jirritornaw lura il-*mobile phone*.

Il-Qorti jidrilha li l-ewwel akkuza tirrizulta pruvata biss fil-konfronti tal-imputat Raymond Gauci u li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jirrizulta biss li l-imputat l-iehor Brian Gauci kien prezenti fil-*boatyard* meta Martin u Fabian Vella

inzammu hemm kontra l-volonta’ taghhom izda ma jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li huwa kien involut direttament fl-arrest illegali taghhom. Mill-provi rrizulta li fil-fatt kien l-imputat Raymond Gauci li ma halliex lil Martin u Fabian Vella jitilqu minn fuq il-post u li kien huwa li ta l-istruzzjonijiet sabiex tinghalaq il-grada tal-*boatyard.*

Permezz tat-tieni akkuza, l-imputati odjerni jinsabu wkoll akkuzati bir-reat ta’ *ragion fattasi* kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ghaliex huma zammew il-vann bin-numru tar-registrazjoni FAL 692 proprjeta’ ta’ Joseph Rosso fil-*boatyard*. Il-Qorti jidrilha li fil-kaz odjern jirrizulta li din l-akkuza hija assorbita fl-ewwel akkuza stante li mill-provi rrizulta li l-vann inzamm fil-*yard* ghaliex Fabian Vella u Martin Vella ma thallewx jitilqu minn fuq il-post mill-imputat Raymond Gauci. L-imputat Brian Gauci mhux ser jinstab hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu ghall-
istess ragunijiet indikati fil-paragrafu precedenti in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali relattivament netta tal-imputat Raymond Gauci kif ukoll il-fatt li l-arrest jew sekwestru illegali jista’ jitiqes hafif kif jistabbillixxi il-*proviso* tal-Artikolu 86 u ghalhekk il-Qorti jidrilha li m’huwiex il-kaz li tigi mposta piena karecerarja izda li jkun aktar opportun li tigi mposta multa.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddikjara lill-imputat Brian Gauci mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tiilliberah mill-istess akkuzi. Wara li rat l-Artikoli 85 u 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat Raymond Gauci hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu ghalkemm kif intqal aktar il-fuq hemm l-assorbiment tat-tieni akkuza fl-ewwel akkuza u tikkundannah multa ta’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm150.00).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------